# Anton Agius (1933-2008)

## l-Iskultur Nazzjonali u x-Xogħlijiet Tiegħu fil-Mosta

**mill-qarib tiegħu Louis VASSALLO**

Nhar it-Tlieta, 21 t'Ottubru 2008, wara nofsinhar, nies minn kull sfera tal-ħajja nġabru fil-knisja ta' Ġieżu fir-Rabat, biex jagħtu tislima xierqa lill-iskultur Anton Agius li miet fl-età ta' 74 sena. Il-memorja ta' Anton Agius, li bir-raġun huwa kkunsidrat bħala l-iskultur Nazzjonali ta' żminijietna, żgur li se tibqa' magħna bil-bosta monumenti tal-bronż li ħadem u li jinsabu mxerrdin fit-toroq u l-imsierah tal-gżejjer Maltin.

Ewlenin fost ix-xogħlijiet artistiċi li ħarġu minn taħt idejh hemm dawk li jfakkru l-aqwa episodji ta' l-istorja ta' pajjiżna, kif ukoll dawk li jagħtu ġieħ lil uħud mill-patrijotti u politiċi li kellhom sehem sħiħ fil-kisbiet li għamel ġensna matul il-milja taż-żmien.

Ix-xogħlijiet tiegħu jiċċelebraw ukoll Maltin magħrufin li taw sehem ewlieni fl-oqsma differenti tas-soċjetà Maltija bħalma ngħidu aħna fl-isports, fl-għanijiet filantropiċi u fil-letteratura.



Dan ir-ritratt miġbud mill-fotografu magħruf Mosti s-sur Jos. A. Vella juri l-karatteristika ta' Anton Agius flimkien ma' biċċa xogħol espressiva mnaqqxa f'zokk ta' żebbuġa.
(bil-kortesija tal-Bank of Valletta)

### Xogħol varju

Apparti dawn, xogħlijiet oħra tiegħu jinsabu f'kollezzjonijiet privati kemm f'pajjiżna u kif ukoll f'pajjiżi madwar id-dinja. Hu ħadem diversi skulturi espressivi fiz-zkuk tas-siġar taż-żebbuġ, iddisinja settijiet ta' bolol għall-posta lokali, għamel xogħol dekorattiv f'xi knejjes, fassal midalji kommemorattivi u ħadem seba' bustijiet li jirrappreżentaw il-Presidenti ta' Malta.

### Refuġju fil-Kurċifiss

Anton Agius jibqa' magħruf ukoll għall-ħafna Kurċifissi espressivi li sawwar bħala xiehda personali tas-sofferenza kbira li kien jara fih innifsu u fin-nies ta' madwaru. Bla dubju hu fatt magħruf li dan l-iskultur imsemmi daq f'ħajtu s-suċċess, daqskemm daq imrar. Għax il-kobor ta' dan il-bniedem, kien jinħass saħansitra fl-istess karattru tiegħu. Karattru kwiet u umli, iżda ħawtiel fl-inizjattivi u l-kreattività fejn kien dejjem lest jagħti minn qalbu l-pariri u l-opinjonijiet siewja tiegħu msawwrin minn esperjenza vasta lil tant studenti ta' l-arti li tħarrġu taħt id-direzzjoni għaqlija tiegħu.

### Rabta mal-Mosta

Toni l-iskultur, kif kien popolarment magħruf min-nies ta' madwaru u ma' ħbiebu, b'dik id-daqna bajdanija, b'nuċċali rqiq u pulit tal-vista u bil-beritta à la Franċiża mdeffsa f'rasu, kellu rabta soda u mill-qrib mal-Mosta u mal-Mostin! Fuq kollox kienet rabta naturali, għax l-ewwelnett b'mod personali, Toni kien prim kuġin man-nanna Nina għax fil-fatt meta kienet għadha xebba kunjomha kien Agius. In-nanna Nina tiġi omm ommi u b'hekk Toni kien jaħbat is-sekond kuġin tal-mamà tiegħi. Kienu l-bosta okkażjonijiet familjari bħal xi tieġ, magħmudija, xi preċett, griżma jew funeral, fejn kont niltaqa' miegħu u ma' martu Louise. Terġa u tgħid, meta kien jgħallem l-arti fl-iskola sekondarja 'B' tan-Naxxar, mhix l-ewwel darba li mort fil-klassi tiegħu waqt il-ħin tal-brejk u hemm kien iħallini b'mod liberu nesperimenta



L-iskultur u martu Marie Louise. Anton kien xempju ta' raġel miżżewweġ u ta' missier.
(bil-kortesija tal-Bank of Valletta)

b'xi biċċa tafal jew nipprova npinġi xi kwadru '*still lifes*'. Mhux l-ewwel darba li tani xi lift lejn id-dar bil-*Fiat Uno* blu li kellu. Nista' ngħid bla tlaqliq li jien tlift qarib mill-aħjar, tar-rispett u ġentlom mill-aqwa b'qalb tad-deheb.

Għal dawk li kienu jafuh mill-viċin, Toni kien xempju ta' raġel miżżewweġ u ta' missier. Il-ħajja ma kinitx ħanina miegħu. Iżda kull daqqa li tagħtu serviet biss, biex ħarġet minnu s-saħħa ġenwinija li twieled biha. Saħħa tremenda u meħtieġa li stimulatu biex ilaħħaq mal-programm vast li kellu, mimli ħolm u proġetti bla għadd. Imma fl-aħħar mill-aħħar wasal biex finalment tilef il-ġlieda tiegħu kontra l-attakki kiefra fuq saħħtu, fejn kien ilu jikkumbattihom fis-skiet, iżda b'kuraġġ ta' sur għal dawn l-aħħar sentejn.

## F'Belt twelidna

Aħna l-Mostin ninsabu xxurtjati li f'belt twelidna ħallielna ma' l-erba' biċċiet xogħol ta' preġju u wisq sinifikattivi. Qed nirreferi għal żewġ monumenti kbar u sbieħ li qegħdin isebbħu t-toroq prinċipali li fihom ġew imwaqqfa u kif ukoll żewġ bustijiet għeżież li jinsabu ndokrati u milqugħa fir-Razzett tal-Markiż fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasel. Ikun sewwa u xieraq li f'din it-tislima nagħtu xi tagħrif konċiż dwar l-għanijiet li għalihom ġew imwaqqfa. Wara kollox dawn l-imfakar ma jsirux għall-parenza u għat-tisbiħ ta' l-ibliet u l-irħula biss. Jitwaqqfu biex ifakkruna f'valuri li ta' min wieħed japprezza waqt li jixprunawna li nħarsu f'fiduċja u tama lejn il-ġejjieni. L-istorja tal-Mosta turina bl-aktar mod ċar, li kienu mhux ftit dawk iċ-ċittadini ħawtiela Maltin li min b'mod u min b'mod ieħor, ilkoll irsistew biex din il-lokalità tar-Rotunda tisbieħ u tikber mal-milja taż-żmien. Bl-eżempju u bix-xogħol fejjiedi tagħhom, għenu biex tissawwar Malta aħjar u isbaħ għall-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. U bla dubju ta' xejn, Anton Agius hu wieħed minnhom.

## Għall-Missjunarji Maltin

Ħarsitna ddur mill-ewwel fuq il-Monument għall-Missjunarji Maltin li jinsab f'dik ir-rawndebawt, int u dieħel il-Mosta min-naħa ta' Burmarrad. Dan hu monument li jfakkar lil dawk l-għaqdiet u individwi li ħallew art twelidhom biex jagħtu s-sehem tagħhom fil-missjonijiet mad-dinja kollha u b'hekk joffru ħajjithom u saħħithom għall-proxxmu l-aktar fil-bżonn li jinsab bil-ġuħ, marid, imwarrab u minsi. Dan il-mafkar jikkonsisti f'pilastru kwadru tawwali. Ix-xogħol tal-panewijiet u skultura saru minn Anton Agius. Dan ix-xogħol tal-bronż sar mill-funderija Taljana 'Del Chiaro Massimo'. Il-perit Mosti Ludoviku Micallef ħa ħsieb il-kostruzzjoni tal-pilastru, waqt li l-bennej Żebbuġi Philip Micallef ħadem ix-xogħol tal-ġebla Maltija. Dan sar fuq l-inizjattiva tas-sur Stanley Mangion li dak iż-żmien kien kunsillier li ħdan il-Kunsill Lokali tal-Mosta u ta' Bro. Kristino Borg MSSP li rsistew biex ġabru l-fondi u organizzaw il-ħidma kollha għal dan il-monument. Ġie mikxuf uffiċjalment nhar it-2 ta' Settembru 2000, mill-President ta' Malta, il-Prof. Guido de Marco, u mbierek mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca. Għal din l-okkażjoni nagħtaw donazzjonijiet finanzjarji bħal għajnuniet lil entitajiet varji.

## B'risq l-enerġija taż-żogħżija

Fil-ħsieb tagħna jeħtiġilna li mmorru sa Triq il-Ħtajriet, biex nagħtu titwila lill-Mafkar taż-Żgħażagħ, li ġie mwaqqaf bil-għan li jitfakkar f'dawn il-persuni li huma l-futur ta' art twelidna, nies mimlija enerġija, impenn u ġenerożità. Dan il-proġett sar ukoll fuq l-inizjattiva tas-sur Stanley Mangion u d-data formali li timmarka t-tlestija tiegħu ġiet iffissata bħala s-26 ta' Mejju 2005 - dak il-jum li fih kienet għaddiet għall-ħajja ta' dejjem Rita, mart Stanley. Għal darb'oħra, is-sur Stanley Mangion li dak iż-żmien kien kunsillier Mosti, reġa qabbad lill-iskultur Anton Agius li ħadem l-iskultura u d-disnnn ta' dan il-monument. Ix-xogħol kien fdat f'idejn il-perit Mosti Norbert Gatt, fejn kien mgħejjun minn għadd ta' persuni tekniċi. Dan il-mafkar kellu jistenna sas-17 ta' Frar 2008, biex jiġi nawgurat uffiċjalment mis-Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana.

## Fir-Razzett tal-Markiż

Fiċ-Ċentru ta' Kultura Nazzjonali, li hu l-kwartier ta' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, magħruf b'mod popolari bħala r-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone, l-iskultur Agius ħadem żewġ bustijiet wisq sinifikattivi li flimkien ma' oħrajn imsawwrin minn skulturi differenti, jinsabu lkoll biswit xulxin f'oasi ta' sliem, għax ilkoll ħabirku ħalli jgħollu 'l fuq l-identità Maltija.

Hekk kif tixref mill-għatba 'l ġewwa ta' din il-binja rurali li tmur lura sas-seklu sbatax, fuq ix-xellug tiegħek għandek tilmaħ il-bust ta' Frans Baldacchiino 'il-Budaj', li kien għannej prolifiku, poeta u artist, fejn kien ukoll President Onorarju ta' Talent Mosti. Ġie mikxuf uffiċjalment nhar il-Ħadd, 4 ta' Marzu 2007, mill-armla ta' 'il-Budaj', is-sinjura Pawla Baldacchino. F'dik il-lejla, Peter Paul Ciantar kien wassal messaġġ ta' omaġġ lil sieħbu Anton.

Il-bust l-ieħor jirrappreżenta lill-E.T. Dr. Daniel Micallef imwieled fl-1928. It-Tabib Micallef kemm-il darba ġie elett biex jirrappreżenta lill-poplu fil-Parlament. Hu rrappreżenta lil pajjiżna fil-Konferenzi tal-*Commonwealth* u fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa u kif ukoll qeda dmiru bħala *Speaker* tal-Parlament Malti.

Kien inħatar bħala Aġent President tar-Repubblika u kif ukoll bħala Ambaxxatur għall-Vatikan u għall-Ordni ta' San Ġwann. Fl-1986 sar Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Ambjent. Kien propju f'dan iż-żmien, li hu kien strumentali biex dan ir-razzett qadim ma jitwaqqax minħabba t-tkabbir ta' l-iskola ta' biswitu u b'hekk salvah mill-qerda totali! Xi snin ilu l-Għaqda kienet ħatrietu bħala President Onorarju Emeritus. Il-bust tiegħu ġie nawgurat nhar il-Ġimgħa, 18 t'April 2008, mill-eks-politiku, awtur u opinjonista Lino Spiteri u jinsab fil-bitħa nofsana.

## Esperjenzi

Dan l-iskultur Rabti minn ġuf ommu, kien ilu mhux ħażin li tħabbeb sew ma' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, għax ta' spiss kien jaqbeż qabża sa dan iċ-ċentru biex jgħid kelma ma' ċorma nies sinċieri biex jaqsmu t-talenti tagħhom ma' xulxin u jesponuhom għall-għarfien tal-pubbliku. Niftakruh sew lil Anton, jagħmel il-qalb biex l-esebituri żgħażagħ irabbu fihom il-kuraġġ ħalli jibqgħu mexjin 'il quddiem. Fost dawn in-nies se nsemmi tlieta minnhom bħala eżempju ħaj tal-ħbiberija soda li kellu magħhom.

Nibda bil-President ta' l-Għaqda, is-sur Joe Bartolo, li kien ħabib kbir tiegħu għax kif iħobb itenni hu stess, Anton kien minn ta' l-ewwel li għaraf l-għanijiet kulturali wiesgħa li riedet twettaq l-Għaqda sa mit-twaqqif tagħha fl-1983. L-ieħor hu l-fotografu msemmi Mosti li għamel isem kemm f'pajjiżna u kif ukoll internazzjonalment, is-sur Joe A. Vella. Li apparti li kien jaf mill-qrib lilu u lill-familja tiegħu, Joe kien dak li ġibidlu r-ritratti tal-biċċa l-kbira tax-xogħol li sawwar matul is-snin. Waqt li ż-żagħżugħ skultur Mosti Savio Deguara, kien sar midħla tiegħu fil-kwartier ta' l-Għaqda fejn fid-diskursati ta' bejniethom, żgur li l-arti kienet tkun is-suġġett ewlieni.



L-istudjow ta' Anton Agius li hu l-garaxx tiegħu maġenb daru. Flimkien miegħu jidher Dr. Daniel Micallef, Rabti bħalu, kif ukoll il-bust ta' dan it-tabib. X'aktarx li din il-biċċa xogħol hi fost tal-aħħar li ħadem, u llum tinsab fir-Razzett tal-Markiż.

## Waqtiet sbieħ

U fid-dwejjaq u d-dispjaċir tagħna tat-telfa tiegħu minn fostna, il-ħsieb jimraħ lura fejn hemm il-memorja tlaqqgħana ma' dawk il-waqtiet sbieħ li l-membri u l-ħbieb ta' din l-Għaqda kellhom l-grazzja li jgawduhom meta Anton kien għadu mimli bil-għomor. Għax l-għażiż Toni, kien fuq kollox ħabib u benefattur ta' din l-Għaqda, li tagħha kien President Onorarju. F'dan iċ-ċentru kulturali u filantropiku tella' żewġ wirjiet personali u li għalihom ġie jżurhom pubbliku tassew numeruż.

L-ewwel waħda ġiet miftuħa uffiċjalment nhar is-Sibt, 10 t'Ottubru 2001, mill-armla tat-Tabib Edward De Gabriele, waqt li l-oħra ġiet inawgurata minn Dr. Daniel Micallef. Kien is-Sibt, 29 ta' Mejju, 2004. Kif kien mistenni, Anton ħa sehem ukoll f'esebizzjonijiet kollettivi li l-Għaqda organizzat f'dawn l-aħħar għaxar snin. Tifkira oħra li għoġbu jħallilna Anton, tinsab fil-leġiju artistiku biex jintuża f'diversi serati letterarji u f'okkażjonijiet oħra. Fiċ-ċentru tal-faċċata ewlenija tiegħu naraw l-arma ta' l-Għaqda maħduma mill-fajberglass.

Darb'oħra, seħibna Toni kien ġie mistieden minn Talent Mosti biex nhar is-Sibt, 11 ta' Novembru 2006, jinawgura uffiċjalment il-wirja artistika ta' l-artist ta' ċertu isem Corrado Iozia, li hu Taljan ta' nisel Sqalli. Dan l-espressjonista partikolari li jsawwar flimkien l-iskultura fil-pjanċi tar-ramm aħmar u l-pittura, kien laqa' l-istedina ta' Anton u martu Louise biex iżur l-istudjow tiegħu fir-Rabat li kien jinsab maġenb daru fil-ħ¿ra ta' Għajn Qajjiet, fl-inħawi ta' l-Għeriexem.

## Bust tal-bronż

L-Għaqda Filantropika Talent Mosti tħossha kburija u sodisfatta li laħqet irrikonoxxiet l-impenn tiegħu, kemm fil-qasam lokali u nternazzjopnali u kif ukoll għas-sens ta' gratitudni lejn dak kollu li għoġbu jagħtiha. U dan permezz ta' bust tal-bronż f'ġieħu, maħdum u mogħti mill-artista Monica Spiteri, fejn ġie mikxuf uffiċjalment nhar il-Ġimgħa, 18 t'April 2008, waqt serata letterarja li




Anton Agius (it-tieni mix-xellug) waqt attività fil-kwartier ta' Talent Mosti li hi binja rurali tas-seklu sbatax.



Sezzjoni mill-ewwel wrija personali li tellgħa dan l-iskultur ta' isem fl-2001 fir-Razzett tal-Markiż li hu Ċentru ta' Kultura Nazzjonali.

bl-isem ta' 'Ċelebrazzjoni lejn il-Ħajja'. Il-kumitat ta' l-Għaqda kien iddeċieda li jwaqqaf bust f'ġieħu għax emmen li permezz ta' din l-inizjattiva,Talent Mosti xtaq iqanqal kuxjenza pożittiva li kull maħluq għandu jiġi maħbub u rispettat f'ħajtu stess. Fir-Razzett tal-Markiż, il-pubbliku jista' jagħtih tislima xierqa biex ismu jibqa' wieħed awtentiku u mżejjen bil-ġieħ li jisthoqqlu.



Il-bust tal-bronż maħdum mill-artista Monica Spiteri li juri lil Anton Agius, eks President Onorarju ta' Talent Mosti. (ritratt: Dr. George Cassar)

## Tifkiriet

Kif kien sewwa u xieraq, il-President u l-Kumitat ta' l-Għaqda attendew għall-quddiesa *presente cadavere* u wara assistew għad-difna tiegħu fiċ-ċimiterju ta' Santa Margerita fir-Rabat stess fejn ġie midfun fil-qabar tal-familja. Talent Mosti ħass il-ħtieġa li ssirlu quddiesa fir-Rotunda tal-Mosta, għall-bżonnijiet ta' ruħu nhar is-Sibt, 1 ta' Novembru 2008, u li tqaddset mill-Arċipriet Dun Mario Tong, fejn attendew il-qraba tiegħu, ħbieb u xi persuni oħra li ħadmu mill-qrib tiegħu.

Fuq xewqa tal-president ta' l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, is-sur Joe Bartolo, ħaseb li apparti l-bust f'ġieħ Anton Agius ikun hemm esebit b'mod permanenti fir-Razzett tal-Markiż, tifkiriet ħajjin u awtentiċi ta' dan l-iskultur Nazzjonali. Għal dan il-għan, nhar il-Ħadd, 14 ta' Diċembru 2008, il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Joseph Muscat flimkien mas-Sindku tal-Mosta Dr. Paul Chetcuti Caruana, Dr. Daniel Micallef, l-Onor. Dr. Anġlu Farrugia, l-Onor. Anthony Agius Decelis, il-Membru Parlamentari Ewropej Glenn Bedingfield u mistiedna oħra, assistew għall-kxif ta' vetrina li fiha hemm għall-wiri xi għodod meħtieġa li Anton kien ta' spiss juża biex bihom joħloq il-kapulavuri tiegħu. Din it-tifkira mogħtija b'imħabba mill-armla u l-qraba tiegħu u li ġiet imbierka mill-Arċipriet Dun Mario Tong, tinsab fil-għorfa ta' fuq is-setah għall-ammirazzjoni ta' kull min jogħġbu jagħtiha daqqa t'għajn.

F'okkażjonijiet oħra, speċjalment waqt is-serata mużiko-letterarja ta' nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu ta' din is-sena, għall-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa, l-Għaqda fakkret il-memorja tiegħu flimkien ma' oħrajn u li għaliha attendiet udjenza sabiħa ħafna.

## Togħma morra

Biex wieħed ikun ta stampa ċara u sħiħa tal-opri artistiċi li jinsabu f'din il-lokalità, jonqos li nsemmu xi ħaġa oħra, imma li din sfortunatament spiċċat b'togħma morra, għalina l-Mostin u għal kulħadd! Sas-sena 2000, fiċ-ċimiterju tal-Mosta fuq il-qabar tal-Familja Zammit, kienet tinsab skultura kbira, sabiħa u espressiva ta' Kristu Rxoxt qed iqajjem raġel mill-mewt. Din l-opra tal-bronż li kienet magħrufa bħala 'Tini Jdejk', xogħol Anton Agius, kienet saret b'rispett u b'imħabba lejn sieħbu għalliem li kien miet f'qasir il-għomor. Din il-biċċa xogħol li l-kritiċi tal-arti f'pajjiżna jqisuha bħala l-aqwa opra fil-bronż li ħarġet minn taħt idejh, ġiet misruqa fis-satra tal-lejl. Att ta' mistħija u kundannabbli bil-qawwa kollha. Min seraq din l-opra, apparti li weġġa' lill-familja kkonċernata, seraq biċċa mill-patrimonju artistiku ta' art twelidna.



Dan il-mudell magħruf bħala 'Tini Jdejk' li wara kien sar mafkar tal-bronż, hu meqjus bħala kapulavur ta' Anton Agius. Sfortunatament, dan il-mafkar kien insteraq miċ-ċimiterju tal-Mosta fl-2000. (bil-kortesija tal-Bank of Valletta)

## Telfa kbira

Lejn l-aħħar ta' dan l-artiklu se nittawlu lejn il-ħajja u d-diversi esperjenzi li ġarrab dan l-iskultur. Anton Agius



L-investitura ta' Anton Agius bħala Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann fl-2000.
(bil-kortesija tal-Bank of Valletta)

twieled ir-Rabat nhar l-1 ta' Diċembru, 1933. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġużeppi u Maria Stella. Bejn l-1950 u l-1953, studja l-arti għand is-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ u kompla bl-istudji tiegħu taħt Ġorġ Borg fl-Iskola tal-Arti. Fl-1957 Agius rebaħ borża ta' studju għall-*Accademia di Belle Arti* f'Ruma, waqt li bejn l-1958 u l-1961 attenda s-*St. Martin's School of Art* f'Londra. Hu ħadem bħala għalliem tal-arti fl-iskejjel sekondarji tal-gvern, ta lekċers fl-Università ta' Malta u kien eżaminatur għall-*Oxford 'O' Level* fit-taqsima taċ-ċeramika.

Anton Agius rebaħ diversi konkorsi tal-arti, kemm f'Malta kif ukoll 'il barra minn xtutna. Il-lista li turi dawk il-wirjiet li ħa sehem fihom dan l-iskultur, kemm dawk personali kif ukoll dawk kollettivi, hi twila mhux ħażin. Dawn l-esebizzjonijiet ittellgħu fi bliet Ewropej u f'bosta bliet u rħula Maltin. Ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu wkoll f'kollezzjonijiet privati f'diversi partijiet tad-dinja. Fl-1999, il-Kunsill Lokali tar-Rabat ta lil Agius 'Ġieħ ir-Rabat'. Hu kien inħatar ukoll Kavallier ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann fl-2000. Anton Agius dejjem għex ir-Rabat fejn twieled, u għex tul ħajtu kollha. Hu kellu tlett itfal, tnejn minnhom mejtin.

Ċertament li t-telfa tiegħu, hi telfa kbira għall-arti, għall-iskultura, għall-imħabba lejn il-kreattività, għal pajjiżna u għall-Mosta tagħna. F'dan il-wied ta' dmugħ, l-Għaqda Filantropika Talent Mosti, ukoll ħasset il-vojt li ħalla Anton. Fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, hi telfa sofferenti għalija personali u għall-qrabati kollha.

*Referenzi:*

1 *Michael J. Schiavone, Louis J. Scerri* - ***Maltese Biographies of the Twentieth Century***, *(Malta 1997), p. 9.*

2 *Louis P. Saliba* - ***Anton Agius: a Bank of Valletta Exhibition***, *2005, pp. 3-13.*

3 *George Cassar, Louis Vassallo* - ***Minn tiġrib il-qedem il-Mosta tfassal ġrajjietha*** *(Malta 2008), pp. 81- 84, 90, 91, 100.*

4 *'Miet Agius l-iskultur Nazzjonali',* ***L-Orizzont***, *it-Tlieta, 21 t'Ottubru 2008, p. 4.*

5 *'l-aħħar tislima lill-iskultur Agius',* ***L-Orizzont***, *l-Erbgħa, 22 t'Ottubru 2008, p. 4.*

6 *Mill-ktieb tal-Minuti, mislutin mis-seduti tal-Kumitat ta' Talent Mosti.*

7 *Ħajr lis-sur Joe Bartolo u lil ommi Marjanna tal-informazzjoni utli li għoġobhom joffruli.*

**FOUR SEASONS**

**Wesgħat Marco Montebello, Wied is-Sir, Mosta**

**Tel: 21 433652**

**Issibu kull ma għandkom bżonn għall-ġonna u raba' bħal bexx, sustanzi għall-ħamrija, kull tip ta' żerriegħa, qsari, pjanti u ikel għall-għasafar u klieb**

**Prodotti ta' l-aqwa kwalità u prezzijiet moderati**

